Avviż Nru. WSC/T/15/2020. Provvista u konsenja ta' repair clamps (80mm - 700mm) għal metric ductile iron u imperial cast iron pipes għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 19th March, 2020, for:

Advt No. WSC/T/15/2020. Supply and delivery of repair clamps (80mm - 700mm) for metric ductile iron and imperial cast iron pipes for the Water Services Corporation.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 20 ta' Marzu, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/16/2020. Provvediment ta' servizzi ta' trasport u rimi ta' ħama mnixxfa b'mod li jitħares l-ambjent mill-impjant tat-Tramuntana tat-trattament tal-wastewater għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma – bażi ta' ftehim.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 20th March, 2020, for:

Advt No. WSC/T/16/2020. Provision of services for the transport and disposal of dewatered sludge in an environmentally friendly manner from the Malta North wastewater treatment plant for the Water Services Corporation – framework agreement.

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 24 ta' Marzu, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/20/2020. Bażi ta' ftehim għall-provvista u konsenja ta' stationery items għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Up to 9.30 a.m. on Tuesday, 24th March, 2020, for:

Advt No. WSC/T/20/2020. Framework agreement for the supply and delivery of stationery items for the Water Services Corporation.

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 25 ta' Marzu, 2020, għal:

Avviż Nru.WSC/T/19/2020. Bażi ta' ftehim għall-provvista u konsenja ta' hard-stone sand f'basktijiet tal-25 kilo għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru.WSC/T/22/2020. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' servizz ta' skip b'mod li jitħares l-ambjent għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 25th March, 2020, for:

Advt No. WSC/T/19/2020. Framework agreement for the supply and delivery of hard-stone sand in 25kg bags for the Water Services Corporation.

Advt No. WSC/T/22/2020. Framework agreement for the provision of skip service in an environmentally friendly manner for the Water Services Corporation.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2020, għal:

*Avviż Nru.WSC/T/24/2020. Provvista u konsenja ta' polypropylene nozzles għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 27th March, 2020, for:

*Advt No. WSC/T/24/2020. Supply and delivery of polypropylene nozzles for the Water Services Corporation.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

No participation fee is required.

*Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation eID sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-workshops organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-workshops, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom onlajn. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

It-3 ta' Marzu, 2020

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 5 ta' Marzu, 2020.

Avviż Nru. 10. Bejgħ tale quale ta' sit mil-livell tat-triq 'l isfel fi Triq ix-Xwejni, Marsalforn, fil-limiti taż-Żebbuġ (Għawdex) kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2007_392_2. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €2,590 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf u disa'mitt ewro (€25,900) ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir il-ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 11. Bejgħ tale quale tal-Garaxx f'Nru. 4 (qabel Nru. 2) Entratura 'C' f'Binja Ħesri, Triq Dun Anton Vella, Wied Ħesri Housing Estate, Is-Siġġiewi muri bl-aħmar u mmarkat Garaxx Nru. 4 fuq il-pjanta P.D.248_91_22. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €6,030 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sittin elf u tliet mitt ewro (€60,300) ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 12. Kiri tale quale għal skopijiet kummerċjali ta' Garaxx/Maħżen Nru.9, Old Slave Block, Triq San Duminku, Il-Belt Valletta kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D232_91_1. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati

*Advertisement appearing for the first time

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

3rd March, 2020

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 5th March, 2020.

Advt No. 10. Sale tale quale of a site from street level downwards in Triq ix-Xwejni, Marsalforn, limits of Żebbuġ (Gozo) as shown edged in red on plan P.D.2007_392_2. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €2,590 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty-five thousand nine hundred euro (€25,900) will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Advt No. 11. Sale tale quale of the Garage at No. 4 (formerly No. 2) Entrance 'C' at Binja Hesri, Triq Dun Anton Vella, Wied Ħesri Housing Estate, Siġġiewi, shown edged in red and marked Garage No. 4 on plan P.D.248_91_22. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €6,030 as stipulated on the tender conditions. Offers below the amount of sixty thousand and three hundred euro (€60,300) will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 12. Lease tale quale for commercial purposes of a Garage/Store No. 9, Old Slave Block, Triq San Duminku, Valletta as shown edged in red on the plan P.D.232_91_1. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the

b'Bid-Bond għall-ammont ta' €40,599 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlettax-il elf ħames mija tlieta u tletin ewro (€13,533) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 13. Kiri tale quale tal-Ħanut f'Nru. 7, Blokk Nru. 16, Misrah ir-Rebħa, Il-Birgu kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2011_736. L-Offert għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €39,600 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlettax-il elf u mitejn ewro (€13,200) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 12 ta' Marzu, 2020.

Avviż Nru. 15 Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli tale quale ta' sit fi Triq Angelo Dorini, Is-Siġġiewi kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2019_0666. Dan iċ-ċens ma jistax jiġi mifdi qabel il-ħmistax-il sena mill-bidu tal-għotja enfitewtika. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €9,222 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlett elef u erbgħa u sebgħin ewro (€3,074) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir il-ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 16 Bejgħ tale quale ta' Sit fuq in-naħa ta' wara tal-Fond f'Nri. 108 u 110, triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2019_0587. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,000 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf ħames mija sebgħa u sebgħin ewro (€1,577) ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 17 Kiri tale quale fl-istat li jinsab fih inkluži xi difetti li jista' jkun hemm moħbija tal-fond f'Nru. 124, Flat Nru. 1 fil-livell tal-ewwel sular, Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta, muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2018_0408. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €9,000 kif stipulat fil- kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 18 Bejgħ tale quale ta' Garaxx mingħajr l-arja tiegħu f'Nru. 6, Triq San David, L-Imtarfa, muri bl-aħmar u mmarkat Garaxx Nru. 6 fuq il-pjanta P.D. 87_82_1. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond ta' €3,107

amount of €40,599 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of thirteen thousand five hundred and thirty-three euro (€13,533) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 13. Lease tale quale of a Shop at No. 7, Block No. 16, Misrah ir-Rebħa, Birgu as shown edged in red on the plan P.D.2011_736. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €39,600 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of thirteen thousand two hundred euro (€13,200) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 12th March, 2020.

Advt No. 15. Grant on a perpetual revisable emphyteusis tale quale of a site at Triq Angelo Dorini, Siggiewi as shown edged in red on plan P.D.2019_0666. This ground rent cannot be redeemed before the fifteenth year from the start of emphyteutical grant. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €9,222 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three thousand and seventy-four euro (€3,074) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of the tender document.

Advt No. 16. Sale tale quale of a site at the back of Premises at No. 108 and 110, Triq Burmarrad, Burmarrad limits of Saint Paul's Bay, shown edged in red on plan P.D.2019_0587. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €1,000 as stipulated on the tender conditions. Offers below the amount of one thousand five hundred and seventy-seven euro (€1,577) will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 17. Lease tale quale in its present state including any latent defects of the premises at No. 124, Flat No. 1 at first floor level, Triq San Kristofru Valletta, shown edged in red on plan P.D. 2018_0408. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €9,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three thousand euro (€3,000) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of the tender document.

Advt No. 18. Sale tale quale of a garage without its own airspace at No. 6, Triq San David, Mtarfa as shown edged in red and marked Garage No. 6 on plan P.D.87_82_1. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount

skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' wieħed u tletin elf erbgħa u sebgħin ewro (€31,074) ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, 20 ta' Marzu, 2020.

Avviż Nru. 19. Għotja b'ċens temporanju għal perjodu li jintemm fis-16 ta' Jannar, 2072, tale quale ta' sit f'Għajn Klieb, limiti tar-Rabat, Malta kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2019_0493. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €7,500 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir il-ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 20. Bejgħ tale quale ta' Sit fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, muri bl-aħmar u mmarkat ittra 'A' fuq il-pjanta P.D.2018_0144. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €8,463 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbgħa u tmenin elf sitt mija u tletin ewro (€84,630) ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 21. Bejgħ tale quale ta' Sit fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, muri bl-aħmar u mmarkat ittra 'B' fuq il-pjanta P.D.2018_0144. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,000 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmint elef tliet mija u sebgħin ewro (€8,370) ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 22. Kiri minn sena għal sena tale quale tal-Fond f'Nru. 23, Sur San Ġwann, Bormla, muri fuq il-pjanta L.D.23/80/20. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond ta' €2,910 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' disa' mija u sebgħin ewro (€970) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 23. Bejgħ tale quale ta' Sit fiż-żona Is-Sellum, limiti tal-Mellieħa, Il-Mellieħa muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2019_0605. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,000 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf mitejn tmienja u sebgħin ewro (€1,278) ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

of €3,107 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of thirty-one thousand and seventy-four euro (€31,074) will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Friday, 20th March, 2020.

Advt No. 19. Grant on a temporary emphyteusis for a period which ends on the 16th January, 2072, tale quale of a site at Għajn Klieb, limits of Rabat, Malta as shown edged in red on plan P.D.2019_0493. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €7,500 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two thousand and five hundred euro (€2,500) per annum will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Advt No. 20. Sale tale quale of a Site at Triq San Pawl, St Paul's Bay, shown edged in red and marked letter 'A' on plan P.D.2018_0144. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €8,463 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eighty-four thousand six hundred and thirty euro (€84,630) will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 21. Sale tale quale of a Site at Triq San Pawl, St Paul's Bay, shown edged in red aand marked letter 'B' on plan P.D.2018_0144. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eight thousand three hundred and seventy euro (€8,370) will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 22. Lease on a year to year basis tale quale of the Premises at No. 23, St John Bastion, Cospicua as shown on plan L.D.23/80/20. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €2,910 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of nine hundred and seventy euro (€970) per annum will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Advt No. 23. Sale tale quale of a Site at Is-Sellum Area in the limits of Mellieħa, Mellieħa, as shown in red on the plan P.D. 2019_0605. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand two hundred and seventy-eight euro (€1,278) will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Avviż Nru. 24. Kiri minn sena ghal sena għal skopijiet agrikoli ta' Biċċa Art tale quale fil-Qammieħ fil-limiti tal-Mellieħa, Il-Mellieħa muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2018_0230. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-Offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tliet mija u disgħin ewro (€390) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 25. Kiri għal perjodu ta' erba' (4) snin għal skopijiet agrikoli ta' Sit f'Ta' Xagħri, fil-limiti ta' Marsaskala, Marsaskala, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2019_0358. Dan is-sit huwa soġġett għal servitujiet eżistenti a favur ta' proprjetajiet adjaċenti. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,260 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erba' mija u għoxrin ewro (€420) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra, tista' tinkiseb mill-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m. Ma ssirx rifużjoni għal flus li jkunu diġà tħallsu għad-dokument tal-offerta.

It-3 ta' Marzu, 2020

Advt No. 24. Lease on a year to year basis for agricultural purposes of a Portion of Land tale quale at Qammieħ in the limits of Mellieħa, Mellieħa, shown edged in red on the plan P.D.2018_0230. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three hundred and ninety euro (€390) per annum will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 25. Lease for a period of four (4) years for agricultural purposes of a site at Ta' Xagħri, limits of Marsaskala as shown edged in red on the plan P.D. 2019_0358. This site is subject to existing servitudes in favour of adjacent properties. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €1,260 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four hundred and twenty euro (€420) per annum will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Tenders should only be made on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents, is obtainable from the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m. Tender fees are non-refundable.

3rd March, 2020

AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU

L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu tgħarraf illi:

Se jintlaqgħu kwotazzjonijiet mibgħutin permezz ta' ittra eletronika lil (mtagozo.mta@visitmalta.com) jew (amity.galea@gov.mt), sat-Tnejn, 16 ta' Marzu, 2020, f'nofsinhar, għal:

Sejħa għal stimi għal provvediment ta' servizzi tal-ikel u xorb waqt l-attività ta' loghob tan-nar li se tittella' fil-Belvedere tax-Xagħra, Għawdex, is-Sibt, 18 ta' April, 2020.

Aktar tagħrif u speċifikazzjonijiet jistgħu jinkisbu billi wieħed jibgħat talba permezz tal-posta elettronika lil (mtagozo.mta@visitmalta.com) jew (amity.galea@gov.mt), jew bin-numri tat-telefown 2215 6581 jew 22915 455/0.

L-Awtorità tirriżerva d-dritt li tagħżel l-aktar kwotazzjoni vantaġġjuża skont il-ħtiġiet tagħha.

Proposti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-3 ta' Marzu, 2020

MALTA TOURISM AUTHORITY

The Malta Tourism Authority notifies that:

Quotations will be received via email to (mtagozo.mta@visitmalta.com) or (amity.galea@gov.mt) up to Monday, 16th March, 2020, at noon, for:

Expression of interest for the provision of catering services at the Malta International Fireworks Festival being held at the Xagħra Belvedere, Gozo, on Saturday, 18th April, 2020.

Further information and specifications may be requested via email to (mtagozo.mta@visitmalta.com) or (amity.galea@gov.mt), or by telephone numbers 2215 6581 or 2291 5455/0.

The Authority reserves the right to choose that offer which in its sole discretion represents the most advantageous quote for the needs of the Authority.

Late submissions will not be considered.

3rd March, 2020

DIVIŻJONI GĦALL-FONDI U PROGRAMMI, SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-FONDI EWROPEJ, MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ

Sejħa għall-offerti għall-Provvista ta' Oġġetti Promozzjonali għan-Netwerk Rurali Nazzjonali tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ta' Malta (2014-2020)

Id-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Fondi Ewropej u Djalogu Soċjali tixtieq tinnotifika li:

Sal-Ħamis, 12 ta' Marzu, 2020, jintlaqgħu offerti ffirmati permezz ta' ittra elettronika lil (rdd.meae@gov.mt) għal:

Avviż Nru. MFEA/FPD/002/2020. Provvista ta' oġġetti promozzjonali għan-Netwerk Rurali Nazzjonali tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ta' Malta (2014-2020).

L-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jinkisbu mis-sit tad-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi (www.eufunds.gov.mt) jew billi tintbgħat ittra elettronika lil (rdd.meae@gov.mt).

Kjarifiki u aktar informazzjoni jistgħu jintalbu sal-Ġimgħa, 6 ta' Marzu, 2020.

Offerti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-3 ta' Marzu, 2020

FUNDS AND PROGRAMMES DIVISION, PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR EUROPEAN FUNDS, MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEAN AFFAIRS

Request for Quotations for the Supply of Various Promotional Items for the National Rural Network of the European Agricultural Fund for Rural Development for Malta (2014-2020)

The Funds and Programmes Division within the Parliamentary Secretariat for EU Funds and Social Dialogue notifies that:

Signed offers will be received by email to (rdd.meae@gov.mt) until Thursday, 12th March, 2020, for:


Advt No. MFEA/FPD/002/2020. Supply of various promotional items for the National Rural Network of the European Agricultural Fund for Rural Development for Malta (2014-2020).

The specifications may be downloaded from the Funds and Programmes Division website (www.eufunds.gov.mt) or by sending an email to (rdd.meae@gov.mt).

Clarifications and further information are to be sought by not later than Friday, 6th March, 2020.

Late submissions will not be considered.

3rd March, 2020



Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' kofinanzjament: 75% Unjoni Ewropea; 25% Gvern ta' Malta
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali: L-Ewropa tinvesti f'żoni rurali



Rural Development Programme for Malta 2014-2020
Part-financed by the European Union
Co-financing Rate: 75% European Union; 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development: Europe investing in rural areas

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 24 ta' Marzu, 2020. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 004-0212/20. Disinn, provvista, installazzjoni u kkummissjonar ta' stretcher lift fiċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat (Għawdex)

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 24th March, 2020. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 004-0212/20. Design, supply, install and commissioning of a stretcher lift at Victoria Health Centre, Gozo

CFT 020-0213/20. Q.A. test għal ultrasonic cleaner

CFT 021-0214/20. Fosfomycin injections

CFT 020-0215/20. Consumables għal drager portable transport ventilators

CFT 021-0216/20. Procarbazine Hydrochloride 50mg capsules

CFT 020-0217/20. Disposable Sterile Cytotoxic 5L waste bins

CFT 019-0218/20. Provvista ta' bacteriological and chemical analyses tal-ilma

CFT 009-0219/20. Emergency exit signs pictograms

CFT 020-0220/20. Lead free X-ray protection aprons and thyroid collar

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-3 ta' Marzu, 2020

KUNSILL LOKALI L-FONTANA

Il-Kunsill Lokali l-Fontana jgħarraf illi:

Kwotazzjonijiet jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali l-Fontana sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Marzu, 2020, għal:

Kwot. Nru. FLC/02/2020. Żarmar u rimi ta' playhouse qadima, u provvista u installazzjoni ta' playhouse ġdida fil-bandli tal-Fontana.

Id-dokumenti tal-kwotazzjonijiet huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-3 ta' Marzu, 2020

CFT 020-0213/20. Q.A. test for ultrasonic cleaner

CFT 021-0214/20. Fosfomycin injections

CFT 020-0215/20. Consumables for drager portable transport ventilators

CFT 021-0216/20. Procarbazine Hydrochloride 50mg capsules

CFT 020-0217/20. Disposable Sterile Cytotoxic 5L waste bins

CFT 019-0218/20. Provision of bacteriological and chemical analyses of rinse water

CFT 009-0219/20. Emergency exit signs pictograms

CFT 020-0220/20. Lead free X-ray protection aprons and thyroid collar

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

3rd March, 2020

FONTANA LOCAL COUNCIL

The Fontana Local Council notifies that:

Quotations will be received at the Fontana Local Council through ePPS up to 11.00 a.m. on Tuesday, 24th March, 2020, for:

Quot. No. FLC/02/2020. Removing and disposing of old playhouse, and provision and installation of new playhouse at Fontana playing field.

Quotation documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

3rd March, 2020

KUNSILL LOKALI SANTA LUĊIJA

Sejħa għall-Kwotazzjonijiet

Kwotazzjoni SLLC Q(57/15/08) Provvista ta' Servizzi tal-Assigurazzjoni

Il-Kunsill qed jiġbor kwotazzjonijiet għall-Provvista ta' Servizzi tal-Assigurazzjoni. Id- dokument tal-Assigurazzjoni għal din is-sejħa jista' jintalab permess ta' ittra elettronika lil (santalucija.lc@gov.mt).

L-offerti ssiġillati jintlaqgħu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 20 ta' Marzu, 2020.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta anki l-aktar offerta vantaġġjuża.

Aktar informazzjoni tinkiseb mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill fuq 2166 6600.

It-3 ta' Marzu, 2020

SANTA LUĊIJA LOCAL COUNCIL

Call for Quotations

Quotation SLLC Q(57/15/08): Provision of Insurance Services

The Santa Lucija Local Council is gathering quotations for the Provision of Insurance Services. Insurance Document for this call may be requested by email to (santalucija.lc@gov.mt).

Sealed quotations will be received at the Santa Luċija Local Council office till noon of Friday, 20th March, 2020.

The Council reserves the right of refusing even the most advantageous offer.

Further details can be obtained from the E/Secretary on 2166 6600.

3rd March, 2020

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

305

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-26 ta' Frar, 2020, fuq rikors ta' Galea Leanne (KI 79176M) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 5 ta' Mejju, 2020, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.), għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

L-appartament numru wieħed (1) formanti parti minn blokk bl-isem "Mon Cheri", bla numru, fi Triq L. Zamenhoff, L-Imsida, li jinsab fl-ewwel sular, b'aċċess mill-komun tal-blokka li jagħti għat-triq u hu l-uniku appartament f'dan is-sular, sovrapost u sottopost għall-propjetà ta' terzi, inkluża n-nofs indiviż tal-partijiet komuni fl-imsemmi blokk u l-proprjetà sħiħa tal-washroom numru wieħed (1) fuq il-bejt tal-imsemmi blokk, u liema washroom tmiss mit-Tramuntana u Punent mal-istess bejt, u mill-Punent mal-washroom numru tnejn (2), proprjetà ta' John Agius jew aventi kawża. L-appartament huwa soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħmistax-il lira Maltin (Lm15) ekwivalenti għal erbgħa u tletin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€34.95), kif deskritt u soġġett għall-kundizzjonijiet kollha msemmija fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion tal-għaxra ta' Lulju tas-sena elfejn (10/07/2000) u bil-blokka tmiss mil-Lvant mal-imsemmija triq, Tramuntana u Nofsinhar ma' ġid ta' Alfred Dimech jew aventi kawża, jew irjieħ verjuri u stmat mitejn u ħamsa u sebgħin elf ewro (€275,000).

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 26th February, 2020, on the application of Galea Leanne (ID 79176M), Tuesday, 5th May, 2020, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in room number 78, near the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

Apartment numbered one (1) forming part of a block named "Mon Cheri", without number, in Triq L. Zamenhoff, Msida, situated on the first floor level, with common block access that abuts on the street and is the sole apartment on this floor, overlying and underlying third parties property, including half undivided share of the common parts of the said block and the whole property of the washroom number one (1) on the roof of the said block, bounded on the North and West by the said roof, and to the West by washroom number two (2) property of John Agius or his successors in title. The apartment is subject to annual and perpetual ground rent of fifteen Maltese liri (Lm15) equivalent to thirty-four euro and ninety-five cents (€34.95), as described and subject to all the conditions mentioned in the acts of Notary Dr Carmel Mangion dated 10th July, year two thousand (10/07/2000) and the block bounds by East with the said street, North and South with property of Alfred Dimech or his successors in title, or other correct boundaries, and is valued at two hundred and seventy-five thousand euro (€275,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Camilleri Alfred (KI 81876M) u Camilleri Geraldine (KI 289980M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 11/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 28 ta' Frar, 2020

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said tenement is the property of Camilleri Alfred (ID 81876M) and Camilleri Geraldine (ID 289980M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 11/2019.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 28th February, 2020

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

306

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Diċembru, 2019, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Richard Ghirxi vs Anthony Vella, Rikors Nru 229/2019SG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Anthony Vella a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Richard Ghirxi (KI 328784M) vs Anthony Vella, ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fis-16 ta' Ottubru, 2019, ir-rikorrenti Richard Ghirxi espona bir-rispett u bil-ġurament ikkonferma:

Illi r-rikorrenti xtara l-fond numru Flat 3 (li jinkludi wkoll dan il-flat dak li qabel kien il-flat numru 5), 53, Cassar Flats, Triq il-Papa UrbanuVIII, Birkirkara li huwa mikri lill-intimat €240 kull sitt xhur ossia €480 fis-sena (Dok. A);

Illi l-intimat skont dikjarazzjoni tiegħu stess li għamel mar-rikorrenti huwa ma jgħixx ġewwa dan il-fond li huwa mikri lilu. Illi huwa ilu snin ma jgħix hemmhekk b'mod permanenti. Illi huwa għandu post ieħor fejn jgħix ġewwa t-Torri l-Abjad izda l-indirizz mhux magħruf. Illi in oltre dan l-intimat lanqas ħallas l-aħħar żewġ pagamenti;

Illi għal dan il-fini peress li huwa ma jgħixx ġewwa dan il-fond huwa ġie mitlub biex jiżgumbrah jew inkella jidħol f'kirja ġdida b'rati adegwati iżda huwa baqa' inadempjenti u dan skont l-ittra uffiċjali mibgħuta lilu enumerata bħala 2279/19 (Dok. B);

Illi għalhekk ir-rikorrenti jrid jieħu lura l-pussess tal-immobbli tiegħu hawn iktar 'il fuq deskritt li huwa mikri lill-intimat;

Illi r-rikorrenti qiegħed f'dan l-istadju jirriserva d-drittijiet l-oħra tiegħu kollha u għalhekk qiegħed appożitament jillimita din l-azzjoni odjerna għar-ripreża tal-pussess vakanti tal-immobbli inkwistjoni;

Illi għar-raġunijiet hawn fuq spjegati jeżistu l-elementi kollha rikjesti a tenur tal-Artikolu 16A tal-Liġijiet ta'

By means of a decree of the 5th December, 2019, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Richard Ghirxi vs Anthony Vella, Application Number 229/2019SG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Anthony Vella in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Richard Ghirxi (ID 328784M) vs Anthony Vella filed before the Rent Regulation Board on the 16th October, 2019, the applicant Richard Ghirxi requested with respect and confirmed on oath that:

The applicant bought the premises number Flat 3 (which includes the flat previously flat number 5) 53, Cassar Flats, Triq il-Papa Urbanu VIII, Birkirkara that is rented to the respondent at €240 every six months that is €480 per year;

That according to a declaration made by the respondent with the applicant, he does not reside in these premises leased out to him. He has not been permanently residing there for a number of years. He has another place where to live in Torri l-Abjad but the address is unknwon. In addition, the respondent did not pay the last two payments;

Since he does not live in the premises he was solicited to vacate from the premises or else to sign another lease agreement at adequate rates but he remained in default and this according the the judicial letter sent to him numbered 2279/19 (Doc. B);

So the applicant wants to resume the possession of his immovable as better described above leased to the respondent;

That the applicant at this stage is reserving all of his other rights and so is purposely limiting this action for the resumption of the vacant possession of the property in question;

For these reasons abovementioned there exist all the elements requested in terms of Article 16A of the Laws of

Malta sabiex dan l-Onorabbli Bord jilqa' t-talbiet mingħajr ma' jgħaddi għas-smigħ tal-kawża stante li sa fejn jaf ir-rikorrenti, l-intimat m'għandu l-ebda difiża x'jagħti għal dawn it-talbiet, u dan kif konfermat ukoll fid-dikjarazzjoni ġuramentata li qed tiġi ppreżentata flimkien ma' dan ir-rikors;

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord jogħġbu:

1. Jiddeċiedi u jilqa' t-talba ġuramentata tar-rikorrenti mingħajr ma jgħaddi għas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini (Kap. 69) in vista tad-dikjarazzjoni ġuramentata ta' hawn fuq kif ukoll skont id-dikjarazzjoni ġuramentata hawn annessa u mmarkata bħala Dok. C;

2. Tikkundanna lill-intimata sabiex fi żmien qasir u perentorju jiżgombra mill-fond numru Flat 3 (li jinkludi wkoll dan il-flat dak li qabel kien il-flat numru 5) 53, Cassar Flats, Triq Papa Urbanu VIII, Birkirkara.

Bl-ispejjeż kollha inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 2279/19 u b'riserva ta' kull dritt ieħor t'azzjoni spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimat skont il-liġi.

Rikorrenti: Silvi, Triq is-Sienja, Ta' Paris, Birkirkara

Intimat: 53, Flat 3, Cassar Flats, Triq il-Papa Urbanu VIII, Birkirkara

Ir-rikors fl-ismijiet Richard Ghirxi vs Anthony Vella, rikors numru 229/2019SG, jinsab differit għat-23 ta' Marzu, 2020, fil-12.15 p.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Frar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Malta so that this Honourable Board upholds the requests without proceeding to trial because as far as the applicant knows the respondent does not have any defence to make against these requests, and this as confirmed in the sworn declaration filed together with this application.

Thus the applicant requests with respect this Honourable Board so that it:

1. Decides and upholds the sworn requests of the applicant without proceeding to trial and this in terms of Article 16A of the Reletting of Urban Property Regulation Ordinance (Chapter 69) in view of the above sworn declaration and also according the the sworn declaration here attached and marked as Doc. C;

2. Condenms the respondent so that within a short and peremptory time he vacates from the premises number Flat 3 (that includes also the flat previously Flat number 5) 53, Cassar Flats, Triq il-Papa Urbanu VIII, Birkirkara.

With all costs including those of the legal letter number 2279/19 and reserving the right for any other action against the respondent according to law.

Plaintiff: Silvi, Triq is-Sienja, Ta' Paris, Birkirkara

Respondent: 53, Flat 3, Cassar Flats, Triq il-Papa Urbanu VIII, Birkirkara

The application in the names Richard Ghirxi vs Anthony Vella, Application Number 229/2019SG, has been postponed for hearing to the 23rd March, 2020, at 12.15 p.m.

Registry of the Superior Courts, today 28th February, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

307

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-20 ta' Frar, 2020, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Mary Rita Mifsud vs Mifsud Michael, Rikors Numru 34/08 AGV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Mary Rita Mifsud, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Mary Rita Mifsud vs Michael Mifsud fil-31 ta' Diċembru, 2019, ir-rikorrenti Michael Mifsud (ID 737249M) ai termini tal-Artikolu 823(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta espona bir-rispett:

By means of a decree given by the Civil Courts (Family Section) on the 20th February, 2020, in the records of the Sworn Application in the names Mary Rita Mifsud vs Mifsud Michael, Application Number 34/08 AGV, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Mary Rita Mifsud, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application presented in the Civil Court (Family Section) in the names Mary Rita Mifsud vs Michael Mifsud on the 31st December, 2019, the applicant Michael Mifsud (ID 737249M) in terms of Article 823(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta respectfully pleaded:

1. Illi kontestwalment mar-rikors odjern l-esponent ippreżenta rikors b'talba għat-tħassir ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-8 ta' Ottubru, 2019, fl-ismijiet premessi u għall-konsegwenti ritrattazzjoni tal-kawża u dan ai termini tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal- Liġijiet ta' Malta.

2. Illi kif jirriżulta mir-rikors għar-ritrattazzjoni, l-esponent iqis li s-sentenza hawn fuq imsemmija ttieħdet b'qerq tal-attriċi u li l-istess sentenza kienet effett ta' żball li ma jirriżultax mill-atti jew li huwa pożittivament eskluż.

3. Illi b'konsegwenza ta' dan kollu m'hemmx dubju li l-esponent qiegħed isofri u ser isofri preġudizzju serju u irrimedjabbli.

4. Illi huwa għalhekk neċessarju li din l-Onorabbli Qorti tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-8 ta' Ottubru, 2019.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponent Michael Mifsud jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tordna t-twaqqif tal-eżekuzzjoni tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-8 ta' Ottubru, 2019, fl-ismijiet Mary Rita Mifsud vs Michael Mifsud u dan ai termini tal-Artikolu 823 (2) tal-Kap. 12, salv kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun u prevja kwalunkwe ordni li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha meħtieġ.

Notifika intimata: Flat 4, Navillus Flats, Triq Lapsi, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum 28 ta' Frar, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. That contextually with the present application the interpellant presented an application with a request for the cancellation of the judgement of this Honourable Court of the 8th October, 2019, in the names premised and the consequent new trial of the cause and this in terms of Article 811 of Cap. 12 of the Laws of Malta.

2. That as results from the application for a new trial, the interpellant considers that the abovementioned judgement was given due to the deceit of the plaintiff and the same judgement was the effect of a mistake which does not result from the records or which is positively excluded.

3. That as a conseqence of all this there is no doubt that the interpellant is suffering and shall suffer a serious and irrimediable prejudice.

4. That it is thus necessary that this Honourable Court order the suspension of the execution of the judgement of the 8th October, 2019.

Thus and in view of the above the interpellant Michael Mifsud respectfully prays that this Honourable Court order the stopping of the execution of the judgement of this Honourable Court of the 8th October, 2019, in the names Mary Rita Mifsud vs Michael Mifsud and this in terms of Article 823(2) of Cap. 12, saving any other provision it deems fit and opportune and saving any order that this Honourable Court deems necessary.

Notify respondent: Flat 4, Navillus Flats, Triq Lapsi, San Ġiljan

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 28th February, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

308

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-18 ta' Ottubru, 2019, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1193/2019, fl-ismijiet Carmelo Micallef et vs Mark Busuttil, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Mark Busuttil a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum l-4 ta' Lulju, 2019

Lil Mark Busuttil (KI 38076M) ta' Flat 4, Honey Bun Flats, Triq il-Kapuċċini, San Ġwann

By means of a decree of the 18th October, 2019, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1193/2019 in the names Carmelo Micallef et vs Mark Busuttil, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mark Busuttil in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 4th July, 2019

To Mark Busuttil (ID 38076M) of Flat 4, Honey Bun Flats, Triq il-Kapuċċini, San Ġwann

Permezz tal-preżenti Carmelo, Joseph, Aronne u Anthony aħwa Micallef, kif ukoll Doris Micallef u Mary Jane Micallef ilkoll bħala sidien tal-Flat numru 4, Honey Bun Flats, Triq il-Kapuċċini, San Ġwann, jinterpellawk sabiex fi żmien jumejn inti tħallashom is-somma ta' €1,626.00 import ta' tliet skadenzi ta' kera u ċjoè dawk l-iskadenzi tad-9 ta' Ġunju, 2018, 9 ta' Diċembru, 2018, u 9 ta' Ġunju, 2019.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sal-jum tal-pagament effettiv.

Kun imwissi illi din hi t-tieni ittra legali mibgħuta lilek għall-ħlas u jekk inti tibqa' inadempjenti l-mittenti ser jipproċedu ġudizzjarjament kontra tiegħek skont il-liġi għall-iżgumbrament.

Daqstant sabiex inti tagħraf tidderieġi ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum it-28 ta' Frar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By the present, Carmelo, Joseph, Aronne and Anthony brothers Micallef and also Doris Micallef and Mary Jane Micallef all as owners of the flat number 4, Honey Bun Flats, Triq il-Kapuċċini, San Ġwann, solicit you so that within two days you pay the sum of €1,626.00 representing three rent installments and that is the installments of the 9th June, 2018, 9th December, 2018, and 9th June, 2019.

With costs and legal interest till the day of effective payment.

You are warned that this is the second legal letter sent to you for payment and if you remain in default further judicial procedures will be taken against you according to the law of eviction.

So much for your own guidance.

With costs.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 28th February, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

309

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Frar, 2020, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Signrite Limited vs Richmoore and Anderson Limited, Rikors Nru 80/2019JD, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija Richmoore and Anderson Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Signrite Limited (C 17625) ta' 8, Triq il-Poeta, Il-Mosta MST 3823 vs Richmoore and Anderson Limited (C 50459) ta' Sunshine Court Nru 5, Triq il-Ftieħ, Birkirkara, ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-14 ta' Ottubru, 2019, sabiex il-kumpanija konvenuta tħallas is-somma ta' €11,000 liema somma tirrappreżenta arretrati ta' kera u kumpens minnkom dovut, inkonnessjoni mal-kirja tal-fond Signrite Building, Triq in-Nassab, Ħal Qormi, kif minnkom aċċettat u ffirmat fl-iskrittura datata 31 ta' Jannar, 2019.

